**KUNSILL LOKALI TAL-IMQABBA**
**29, TRIQ IL-PARROĊĊA, L-IMQABBA MQB 1512**
**TEL: 2168 0622 /2765 6502 • FAX: 2168 0606**
**E-MAIL: mqabba.lc@gov.mt**
**WEB SITE: www.mqabba.gov.mt /www.lc.gov.mt**

Minuti tas-seduta numru erbgħa u tletin (34) tal-Kunsill Lokali tal-Imqabba (KLM) li nżammet nhar it-Tlieta, 6 ta' Jannar, 2015 fis-7.00pm fil-Bini Amministrattiv tal-KLM.

| | | |
|---|---|---|
| PREZENTI: | Charlene Zammit | Deputat Sindku |
| | Grace Marie Mallia | Kunsillier |
| | Paul Spiteri | Kunsillier |
| | Anthony Bonello | Segretarju Ezekuttiv (SE) |
| SKUZATI: | Nicholas Briffa | Sindku |
| | Michel Farrugia | Kunsillier |

1. Il-laqgħa bdiet nofs siegħa tard aktar milli kien skedat għaliex ma kienx għad hawn kworum.

2. Inqraw il-minuti u sarulhom il-korrezzjonijiet li xtaqu l-kunsillieri u dawn kienu approvati u ffirmati wara riżoluzzjoni mressqa mid-Deputat Sindku, ssekondata minn Grace Marie Mallia u approvata wkoll minn Paul Spiteri.

3. Il-KLM iddeċieda illi l-ikla li s-soltu ssir fil-Milied u dik ta' Jum l-Imqabba se jsiru flimkien f'Jannar. Dan minħabba ċ-ċirkostanzi tal-aħħar kwart tas-sena li għaddiet, fejn kellna nipposponu l-attivitajiet ta' Jum l-Imqabba b'rispett lejn is-Sindku. Ġie deċiż li din l-ikla ssir fil-Victoria Hotel nhar il-Ħadd, 11 ta' Jannar, 2014 fin-1230hrs.

**Punti mill-Minuti:**

4. Charlene Zammit qalet illi sal-attivita' kulturali, l-Kunsill Lokali taż-Żgħażagħ (KLMZ), kellhom sittax-il bejjiegħ li kienu lesti li jarmaw *stall* nhar il-21 ta' Diċembru, madankollu xi wħud minnhom għal raġunijiet varji ma rmawx l-istess *stall*. Għalhekk saru arranġamenti fl-aħħar ħinijiet biex jimlew l-istalls kollha – filfatt bil-għajnuna ta' *Montekristo Estates* xorta setgħu ibiegħu l-inbid u ż-żejt, iżda din l-istall kellhom joqogħdu magħha ż-żgħażagħ stess. B'hekk kien fadal biss stall waħda vojta.

5. Minkejja li d-donazzjonijiet li nġabru mis-SE għall-istess stalls laħqu l-€165, u dawn ġew depożitati minnu fil-kont tal-Fondazzjoni Qalb it-Tfal, Charlene Zammit qalet illi ġie kkomunikat lilha mill-Fundatur tal-istess Fondazzjoni, s-Sur Roderick Cachia, li mill-attivita' fl-Imqabba inġabru b'kollox €441.73. Il-flus inġabru minn diversi inizjattivi, fosthom tal-photo booth, fejn it-tfal setgħu jieħdu r-ritratti ma' Minnie u Mickey u jagħtu donazzjoni għalihom. Dawn il-flus ma ngħatawx lis-segretarju biex jiddepożitahom, għax inġabru direttament mill-Fondazzjoni Qalb it-Tfal. Intant is-SE kien mitlub jiffirma *statement* li kien auditjat minn uwditur barrani u se jkollna nġibu reklam bl-ammont li nġabar mill-Kunsill għal din il-Fondazzjoni f'żewġ gazzetti fuq struzzjonijiet tas-Surġent tal-Għassa tal-Pulizija taz-Zurrieq.

6. Dwar l-attendenza mill-pubbliku f'dan l-avveniment, intqal illi din minkejja l-kampanja li għamilna, ma kinetx tajba ħafna, madankollu jekk wieħed jieħu in konsiderazzjoni l-attivitajiet li kien hawn f'dawk iż-żminijet, malajr jinduna illi n-nies kien hawn wisq fejn setgħet tmur, fosthom *Christmas Villages* oħrajn f'lokalitajiet viċin tagħna.

7. Charlene Zammit qalet illi l-KLMZ irreveda l-ħsieb dwar il-promozzjoni, u rreklamaw l-attivita' permezz ta' riklami fuq ir-radju, facebook, billboard, u anke permezz ta' spots qosra fuq programmi televiżivi. Huma rriklamaw l-attivita' anke fir-raħal permezz ta' avviż li sar

mill-kappillan fil-knisja u permezz ta' riklam kbir bil-kulur fuq il-paġna ta' wara tal-fuljett tal-Kunsill Lokali tal-Imqabba. Din il-pubbliċita' kienet kkunsidrata effettiva biżżejjed.

8. Il-ftuħ tal-kappella ta' San Bażilju, ta' Santa Katerina u tal-Isptar il-Qadim ma sarx għaliex iż-żewġ gwardjani li kienu se jkunu stazzjonati fil-kappelli ma nsabux mil-ħaddiem tal-KLM meta irnexxielna nakkwistaw l-imfietaħ tard matul il-jum. Grace Marie Mallia qalet li hija kieku twaqqaf il-pagament tagħhom għaliex għamlu diversi ħinijiet li kienu assenti. Dan minkejja li l-kont tas-servizz se jkun rimbursat mir-Reġjun Nofs-in-nhar.

9. Wara li għalqet id-*deadline* tal-applikazzjonijiet tal-*party* tat-tfal tal-Milied, Charlene Zammit marret u tkellmet mal-Kap tal-Iskola biex it-tfal ikunu nfurmati bil-*party* tagħhom billi kien se jkun hemm attendenza inqas mis-soltu. Kien f'dan il-waqt li l-Kap qaltilha illi s-sena ta' qabel kien tqassam *flyer* lit-tfal tal-iskola biex dawn javżaw lill-ġenituri tagħhom. Xi ħaġa li din is-sena għal xi raġuni ma saritx. Ġara wkoll li minkejja li fis-snin ta' qabel dejjem ġew aċċettati late applications, din is-sena meta marru l-ommijiet biex japplikaw tard, dawn tal-aħħar ġew infurmati mill-istaff tal-Kunsill li l-applikazzjonijiet kienu għalqu. Il-Kunsill ġibed l-attenzjoni biex żbalji bħal dawn ma jerġgħux isiru. Intant, il-*party* kien suċċess, kemm mil-lat tal-ikel li nxtara mingħand *Neriku Caterers*, kif ukoll mil-lat ta' animazzjoni provduta mis-Sur Camilleri, kif ukoll mill-attendenza. Il-kostum tal-*Father Christmas* ipprovdut minn Charles Farrugia din id-darba intlibes mill-kunsillier Paul Spiteri.

10. Il-KLM reġa' rringrazzja lis-Sur Charles Farrugia għaliex il-kuntrattur tal-kunsill ma kellux kaxxa tal-elettriku u dan biex jaqdina provdielna l-kaxxa tat-temporanju u b'hekk kien possibbli li jinxtegħel in-*Nativity Set* fi Triq il-Konvoj ta' Santa Marija, kantuniera ma' Triq Karmenu Ciantar.

11. Dwar il-qagħda tal-ilma tax-xita fi Triq Santa Katerina u Triq il-Mitħna, il-KLM se jikteb l-ittra proposta fis-seduta preċedenti lill-Perit A Bezzina u lill-Asfaltar Ltd.

12. Is-SE se jinsisti dwar stima biex l-*Environmental Landscapes Consortium* jaqla minn Triq Ħal Kirkop, faċċata taċ-ċimiterju tal-Imqabba, il-ħames siġriet tal-*iskinus* (issa ġie stabbilit) għax dawn qed idellu għalqa ta' bidwi.

13. It-talba li s-SE kien għamel lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar l-Onoraria tas-Sindku, cioe' jekk din għandiex tkun depożitata fil-kont tiegħu jew inkella tibqa' toħroġ b'ċekkijiet li ovvjament ikunu jistgħu jissarfu hekk kif dan jirkupra jew inkella jiġu depożitati fil-kont tiegħu mill-familjari bl-express banking, s-SE qal illi kien infurmat mill-Assistent Direttur li l-każ kienet referut lill-Avukat tad-Dipartiment.

14. Il-problema li kellna bil-kaptell ta' *private house connection* tad-drenaġġ fit-triq (mhux fuq il-bankina għax din mhix possibbli li ssir fi triq tant dejqa) fi Triq San Bażilju, issolviet mingħajr ħela ta' aktar flus, billi nstabet pjanċa fl-imħażen tagħna u din kienet maqtugħa għal qies u mwaħħla fuq is-sifun tad-drenaġġ tar-resident.

15. Charlene Zammit, dejjem f'din it-triq, ressqet proposta fi ħdan il-KLM sabiex isiru linji sofor faċċata tal-garaxx bin-numru 46B fi Triq San Bazilju, u dan għaliex sid il-garaxx qed jilmenta li l-karozzi li jipparkjaw faċċata, fi triq tant dejqa, qed jimpeduh milli jdaħħal u joħroġ il-vann tiegħu tat-tip *pickup*. Il-KLM approva r-rikjesta u din se tgħaddi lil *Transport Malta* għall-approvazzjoni.

16. Dwar problema simili fi Triq il-Parroċċa, fejn is-SE kien anke kiteb lill-Kummissarju tal-Pulizija minħabba li qalgħu malafama fuqu, Charlene Zammit qalet illi r-residenta li talbet li jsiru l-linji sofor esebiet pjanti ffirmati minn perit li juru illi hija verament għandha garaxx u

mhux xi kamra tas-sodda jew *store*. L-ittra li takkumpanja l-pjanti tgħid li l-kamra in kwistjoni ilha garaxx għal dawn l-aħħar għoxrin sena.

17. Grace Marie Mallia qalet illi sid il-lukanda fejn hu ppjanat li jsir *buffet breakfast* u tombla aċċetta l-prezz ta' €8 f'kaz li japplikaw aktar minn ħamsin persuna, u għalhekk se nagħmluha għall-prezz ta' €10 li jinkludi wkoll it-trasport. Id-data nbidlet mill-4 għall-11 ta' Frar. Fit-8.30am nitilqu mill-Pjazza u mil-lukanda lejn l-Imqabba nitilqu fis-1.30pm. Is-SE se jitlob lill-Kappillan jagħmlilna avviż fil-Knisja.

18. Il-laqgħa tal-KLM li jmiss se tinżamm nhar is-27 ta' Jannar, fis-6:30pm u kien deċiż illi l-laqgħa pubblika tal-lokalita' tinzamm nhar it-3 ta' Frar, fis-6:30pm, fl-Isptar il-Qadim. Is-SE se jitlob lill-Kappillan jagħmlilna avviż fil-Knisja. F'dan l-avviż se jkun hemm miktub illi 'huwa fl-interess tiegħek illi tattendi u tagħti sehemek billi tgħidilna x'tixtieq li l-kunsill jagħmel għall-ġid tar-raħal – mela ejja u għid tiegħek!'.

19. Charlene Zammit ressqet mozzjoni dwar il-performance bonus li kienet sekondata minn Grace Marie Mallia u approvata minn Paul Spiteri. Il-KLM approva l-massimu tal-*performance bonus* tas-SE u tal-impjegati klerikali għas-sena 2014 wara li ra l-*appraisals* tagħhom u għaldaqstant iddiskuta l-*performance*. Is-SE irringrazzja anke f'isem il-ħaddiema klerikali lid-Deputat Sindku u lill-kunsillieri talli apprezzaw il-ħidma li taw matul is-sena 2014.

20. Kienet approvata ċ-ċedola tal-pagamenti numru 492.

21. Minkejja li Paul Spiteri telaq fid-20:40 mil-laqgħa u għaldaqstant ma kienx hemm kworum, kienu diskussi dawn l-affarijiet li ġejjin 'mhux uffiċjalment', iżda xorta waħda kienu *streamlined* fuq l-*internet.*

**PUNTI OĦRA**

22. Grace Marie Mallia qalet illi l-interpretazzjoni tal-permessi tat-*tower cranes* mis-SE tista' tkun ħażina għaliex dan hu sempliċiment dak ta' makkinarju, jiġifieri bħal ta' *crane* normali *(bl-outriggers),* €2.33 għal kull ġurnata. Is-SE sostna illi peress li *tower crane* ikollu sodda tal-konkos mal-art biex il-ħadid jistrieħ fuqha, hu jinterpretaha li dan hu permess ta' materjal imqiegħed fit-triq jiġifieri €2.33 kull jum għal kull metru kwadru meħud mit-triq. Għaldaqstant, is-SE se jikteb lid-Dipartiment għaliex anke dak ta' *crane* normali minn flok issa €2.33 mill-1 ta' Jannar kif imħabbar fil-*budget* nazzjonali, se jiżdied, mingħajr ma ħadd qalilna xejn uffiċjalment, sakemm ma ħariġx xi avviz legali li għadna ma nafux bih, u fil-frattemp kulħadd ġej biex jagħmel tali permessi.

23. Grace Marie Mallia qalet illi ġiet mgħarrfa minn xi ħadd li kien membru fil-Kunsill tal-Imqabba meta kien sindku Nicky Briffa illi meta kienet mietet omm Noel Galea, kien tħassar il-kunċert ta' Jum l-Imqabba. Dan aktarx seħħ fl-2003. Is-SE qal illi hu jiftakar illi kienu ġew posposti. Madankollu hu m'hux ċert jekk dak iż-żmien kienx isir kunċert f'Jum l-Imqabba, għaliex għal xi snin, kienet iddoqq banda waħda ffurmata mill-elementi taż-żewġ baned tal-Imqabba fit-triq. Għalhekk id-deputat sindku talbet lis-SE jivverifika jekk kienx hemm xi darba fejn l-attivita' ma saritx, billi meta kienet qed tiġi diskussa l-possibilita' li l-attivita' tal-2014 titħassar jew tiġi posposta minħabba saħħet is-Sindku attwali, il-Kunsill kien infurmat mis-SE li l-attivita' ta' Jum l-Imqabba dejjem saret.

24. Charlene Zammit semmiet il-proposta tal-Gvern Ċentrali dwar il-fond ta' miljun ewro għall-kunsilli lokali, biex anke l-Imqabba tipprova tibbenefika minnu. Is-SE talab direzzjoni dwar il-proġett li għandu f'moħħu l-kunsill biex japplika. Charlene Zammit semmiet il-proġett tat-tieni ġibjun fl-inħawi ta' Triq Ġanni Darmanin biex intaffu l-problema tal-għargħar u l-proġett tad-dar tal-anzjani. Hawnhekk qamet diskussjoni bejn Grace Marie Mallia u Charlene Zammit dwar id-*Day Centre* propost fuq il-ġibjun wara li dan ikun imsaqqaf. Charlene

Zammit qalet illi hija tara li dan il-bini massiġġ se jkun *eye-sore* fuq il-ġibjun, fil-ftit ftuħ li fadal fil-bypass, mentri Grace Marie Mallia sostniet illi din kienet wiegħda elettorali. Charlene Zammit qalet illi fil-manifest elettorali kien hemm miktub illi għandha ssir id-dar għall-anzjani u ċ-ċentru ta' matul il-jum u ta' matul il-lejl, iżda ma kienx hemm miktub fejn dawn kellhom isiru. Is-SE se jattendi il-laqgħa ta' nformazzjoni fit-8 ta' Jannar dwar il-fond ta' miljun ewro. Din il-laqgħa ser issir fil-Kunsill Lokali tan-Naxxar, u s-SE se jattendi u wara jibqa' sejjer il-ħabs, għaliex dak in-nhar il-KLM se jmur iżur lill-ħabsin f'Kordin. F'din il-laqgħa is-SE se jitlob informazzjoni dwar jekk per eżempju nistgħux nagħmlu aktar minn applikazzjoni waħda u għaldaqstant ikollna ċ-ċans li nibgħatu ż-żewġ applikazzjonijiet. Intant Charlene Zammit qalet li għalkemm il-ġibjun huwa tagħna u nistgħu naqbdu u nsaqqfuh u nibnu fuqu, hija temmen li l-proġett tas-Civic Centre u d-Day u Night Shelter, li ovvjament irid isir bl-involviment tal-privat, għandu jsir b'konsultazzjoni mal-privat, anke dwar is-sit li fuqu għandu jsir il-proġett. Hawn is-SE semma d-dar fi Triq Santa Katerina kantuniera ma Triq il-Pal, li kienet ta' koppja anzjana li waqgħet u telgħet binja ġdida u li dak iż-żmien informalment il-koppja kienet lesta li ċċediha lill-Gvern Ċentrali biex jiżviluppaha b'dan il-mod. Intant Grace Marie Mallia qalet li jinħtieġ illi nagħmlu laqgħa mal-Ministru Leo Brincat jew il-Ministru Joe Mizzi biex ningħataw aktar tagħrif.

25. Id-diskussjoni intemmet fid-21:15pm.

| | | | |
|---|---|---|---|
| *Magħmula minn* | **Anthony Bonello**<br>**Segretarju Eżekuttiv** | *u approvati llum*<br>*27/01/2015 minn:* | **Charlene Zammit**<br>**Viċi Sindku** |